# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 515**

**It-Tnejn 2 ta' Settembru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angel Gwyn Louiselle Camilleri – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**515.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

515.1.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri tkun skużata.

**515.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

515.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 514.3.16 u minflok il-kliem 'arbulata', jidħol il-kliem 'marbula'.

515.2.2 Il-minuti tal-514 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

515.2.3 Fis-6.20 ta' filgħaxija is-Sinjorina Ghislaine Bongailas daħlet għal-laqgħa.

**515.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

515.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-kuntratt għall-provvista t'apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 6/2017) li l-Kunsill għandu mal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku ser jiskadi fil-5 ta' Mejju 2020 u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Is-Sindku talab sabiex ma' din l-offerta jiġi nkluż ix-xiri u l-manutenzjoni ta' tabelli. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

515.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xogħol ta' marki tal-karreġjata f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kien qed isir mill-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk, filwaqt li ż-żebgħa tal-bankini, bl-aħmar fi Triq is-Santwarju kienet qed issir mill-ħaddiema tal-*Foundation for Tourism Zone Development.*

515.3.3 Is-Sindku rrefera għall-konferenza stampa li saret kif ukoll għad-direttiva numru 3/2019 mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar il-ħatra ta' *contracts manager* mal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jagħżel li jimpjega *contracts manager* minflok jakkwista s-servizz permezz ta' sejħa għall-offerti.

515.3.4 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx ser jiġi mpjegat *contracts manager* għal kull kuntratt. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

515.3.5 Is-Sur Joseph Buttigieg tkellem dwar l-importanza li l-*contracts manager* imur jiċċekkja li tali xogħol ikun sar, u sar kif suppost.

515.3.6 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet il-ħlas tal-*contracts manager* kienx ser isir mill-fondi tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratti tal-Kunsill kienu jinkludu t-tnaqqis ta' 5% tal-valur totali sabiex jitħallas il-*contracts manager*.

515.3.7 Is-Sindku talab li d-deċiżjoni dwar il-ħatra ta' *contracts manager* tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

515.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Louis Caruana kien qed jallega li l-*bus shelter* fi Triq Wied il-Għajn bl-isem 'Maġġi' kien inbena fi proprjetà tiegħu u talab sabiex dan jitneħħa. Fuq parir tal-avukat tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien għad irid jistabbilixxi jekk Transport Malta, li probabilment kienet hi, taħt isem differenti, li żmien ilu installat dan il-*bus shelter* sabiex jikkonfermaw jekk ġiex installat f'art pubblika jew le.

515.3.9 Is-Sindku tkellem dwar il-*bus shelter* bl-isem 'Tal-Plier' u qal li kien infurmat li Transport Malta kienet għaddejja bil-proċess tal-preparamenti tal-pjanti meħtieġa sabiex tissottometti l-applikazzjoni mal-*Planning Authority*. Is-Sindku żied jgħid li dan il-proċess kien wieħed twil.

515.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien irċieva talba mingħand il-*General Workers' Union* biex issir laqgħa dwar il-monti f'Ħaż-Żabbar sabiex jiġu diskussi diversi temi fosthom; l-immarkar tal-kaxxi bin-numri, bżonn ta' lista *updated* ta' min jarma fil-monti, bżonn ta' *toilets* u bżonn ta' iktar tabelli li jindikaw il-ħinijiet tal-monti.

515.3.11 Is-Sindku qal li huwa fl-obbligu tal-Kunsill li l-monti jiġi regolarizzat bin-numri u ssuġġerixxa sabiex minflok issir iż-żebgħa mal-art għandhom isiru pjanċi. Is-Sindku żied jgħid li fil-preżent il-monti li hemm fi Misraħ San Ġakbu biss huwa rikonoxxut.

515.3.12 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

515.3.13 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'kien ser isir mill-bejjiegħa tal-monti li jarmaw f'Misraħ is-Sliem. Is-Sindku qal illi l-Kunsill jista' jagħmel talba lill-Ministru responsabbli għall-ekonomija, l-investiment u negozji ż-żgħar sabiex il-monti jiġi estiż minn Misraħ San Ġakbu sa Misraħ is-Sliem.

515.3.14 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jinbidlu t-tabelli li jindikaw il-ħinijiet tal-monti peress illi kienu ċċaraw.

515.3.15 Dwar it-talba sabiex isiru t-*toilets* f'Misraħ San Ġakbu, is-Sindku qal illi ma kienx hemm post fejn tinbena latrina pubblika. Is-Sinjura Ghislaine Bongailas issuġġeriet sabiex minflok jinkrew *mobile toilets*. Is-Sindku qal li l-ispiża sabiex isiru *mobile toilets* kienet ser tkun ta' piż żejjed fuq il-finanzi tal-Kunsill.

515.3.16 Is-Sindku qal illi kien ser ikun qed jiltaqa' mal-*General Workers Union* sabiex jiddiskuti t-temi proposti.

515.3.17 Inqrat ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sur Ebejer dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Ward kantuniera ma' Triq ir-Rand. Is-Sur Ebejer qed jallega li t-tifla tiegħu waqgħet u weġġgħet serjament minħabba l-istat ħażin tat-triq u talab

kumpens mingħand il-Kunsill għall-ispejjeż relatati mat-tabib u mal-x-*ray* li jammontaw għal €157. Is-Sindku qal illi kienet għażla tas-Sur Ebejer li jirċievi trattament fi sptar privat minflok fl-isptar Mater Dei. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

515.3.18 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Bugeja, *Probation Officer* dwar individwu li ngħata sentenza ta' ordni ta' 340 siegħa servizz fil-komunità bla ħlas minflok ma ntbagħt il-ħabs. Is-Sinjura Bugeja qalet li dan l-individwu ma setax jagħmel xogħol ta' strapazz minħabba uġigħ kroniku u li kien lest li jaħdem mal-Kunsill ġurnata waħda fil-ġimgħa preferibilment nhar ta' Sibt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' il-proposta sabiex is-servizz fil-komunità jingħata, iżda dan għandu jkun mit-tnejn sal-ġimgħa u mhux nhar ta' Sibt.

515.3.19 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw strumenti mużikali sabiex jintużaw mill-istudenti waqt il-korsijiet tal-mużika 'Skola Banda', liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €2,000.

515.3.20 Fis-6.45 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

515.3.21 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni numru PC/0067/19 dwar razzjonalizzazzjoni tal-art fi Triq ix-Xgħajra u qal illi l-Kunsill ma kellux biżżejjed informazzjoni dwar din l-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-Kunsillieri preżenti li meta applikazzjoni mal-*Planning Authority* tkun iddaħlet bħala PC (*Planning Control*) ifisser li ma tkunx applikazzjoni sabiex isir żvilupp ta' bini iżda talba għal bidliet fil-pjanijiet lokali u jew fl-allinjament dettaljat tal-bini u toroq.

515.3.22 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet iddaħlet l-oġġezzjoni għall-applikazzjoni numru PA 05033/19 fejn kien qed jiġi propost bini ta' *child care centre* u *kindergarten* fi Triq tal-Labour.

515.3.23 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar is-sejħa għal-offerti għas-servizz taż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi. Is-Sur Fava qal li wieħed mill-offerenti kien qed jallega li ma kienx ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Kunsilli u staqsa wkoll jekk l-offerta kinitx tissodisfa il-kriterji dwar il-*minimum wage*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-komunikat lill-offerenti ntbgħat permezz tas-sistema eletronika (EPPS) u li dwar din l-offerta diġa kien hemm appell iżda il–Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ma laqatx l-oġġezzjoni tal-appellant. Fl-istess korrispondenza s-Mario Fava ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-latrini pubbliċi ma kienx qed ikun hemm persuna preżenti kif stipulat fis-sejħa għaż-żamma tal-latrini. Is-Sindku qal illi wara li l-Kunsill irċieva l-korrispondenza mingħand is-Sur Fava, kienet saret laqgħa mas-Sur Christoper Bonello, il-kuntrattur responsabbli miż-

żamma u manutenzjoni tal-latrini, u ġew diskussi l-ħinijiet stabbiliti fl-offerta. Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi bħala Kunsillier responsabbli mill-indafa kien ser imur jara li jkun hemm persuna preżenti matul il-ħinijiet stipulati.

515.3.24 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett *Admin4All* u qal illi kien talab lis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri sabiex tattendi għat-taħriġ.

515.3.25 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dwar talba għad-dettalji personali. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsillieri preżenti sabiex minħabba l-liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data, jibgħatu risposta permezz ta' *email* dwar il-kunsens tagħhom biex id-dettalji personali jiġu mgħoddija lill-Uffiċju tal-Prim Ministru.

515.3.26 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mill-*Wasteserv* dwar il-*European Week for Waste Reduction* u qal illi kien iddiskuta flimkien mas-Sur Patrick Barbara il-possibilità li l-Kunsill jissottometti applikazzjoni.

515.3.27 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni relatata mal-*Mobility Week 2019 Grants and Competition* u qal illi l-Kunsill kien issottometta applikazzjoni bi proġett li jippromovi mobilità sostenibbli għar-residenti. Dan il-proġett kien jinkludi proposta biex uħud mit-toroq fil-madwar ta' Skola Primarja A u ta' Skola Primarja B fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita, jingħalqu għat-traffiku b'*barriers* awtomatiċi kif ukoll bil-*bollards* tal-ħadid. Dan ikun jista' jipprovdi ambjent aktar sikur għat-tfal matul il-ħinijiet ta' dħul u ħruġ mill-iskola. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan il-proġett kien ser jiswa madwar €53,000 u żied jgħid illi kien hemm għotja ta' €50,000 għal min jirbaħ dan il-proġett u għotja ta' €31,000 għal min jiġi fit-tieni post. Is-Sindku qal ukoll li r-rebbieħa kienu ser jitħabbru matul ix-xahar ta' Settembru 2019.

515.3.28 Is-Sur Mark Grech qal illi fil-leġislatura tal-Kunsill preċedenti kien sar qbil mas-Surmast ta' Skola Primarja A sabiex jitpoġġew *bollards* madwar it-toroq tal-iskola matul il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ mill-iskola biex b'hekk ma jidħlux vetturi u jkunu ta' periklu għall-istudenti. Is-Sur Grech żied jgħid li s-Surmast tal-iskola kien qabbad impjegati tal-iskola sabiex jieħdu ħsieb ipoġġu u jneħħu l-*bollards* iżda impjegat minnhom kien ġie aggrediet u l-vettura tiegħu kienet ġiet ivvandalizzata.

515.3.29 Is-Sur Mark Grech nforma lill-Kunsill li matul il-leġislatura preċedenti *Transport Malta* kienet approvat tibdil ta' *one ways* madwar l-iskejjel. Is-Sur Grech talab biex is-sistema tal-*one ways* tinbidel minn kif inhi preżenti u l-*barriers* awtomatiċi kif ukoll il-*bollards* proposti f'dan il-proġett jiġu mplimentati skont l-aħħar *traffic management* kif approvat minn *Transport Malta*.

515.3.30 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li kien irċieva l-Kunsill mingħand is-Sinjorina Kylie Fenech, koordinatur tas-Saħħa fl-MHSA dwar talba biex tiġi organizzata attività mill-Kunsill u studenti tal-Università ta' Malta li qed jistudjaw

sabiex isiru infermiera, fiżjoterapisti, radjografi eċċ jiġu jiċċekjaw il-pressjoni tad-demm, glukosju fid-demm u BMI lir-residenti. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fil-passat il-Kunsill diġa kien organizza attività simili u kienet ta' suċċess. Is-Sindku ppropona biex is-Sur Joseph Vella u s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri jieħdu ħsieb jorganizzaw din l-attività flimkien mal-MHSA. Is-Sur Angelo Scicluna ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

515.3.31 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-espressjoni t' interess *Clean Up The World* 2019 SPI.SCI.13.2019 kif ukoll l-applikazzjoni għal finanzjarjament ta' skema għar-restawr ta' postijiet / monumenti storiċi SPI/SCI/12/2019 sabiex tiġi rrestawrata l-Kappella tal-Lunzjata.

515.3.32 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ser isiru attivitajiet bil-kollaborazzjoni mal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità fis-Sala Notre Dame. Dan kien jinkludi programm ta' informazzjoni minn professjonisti kif ukoll programm ta' eżerċizzju fiżiku.

515.3.33 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva xi informazzjoni dwar jekk kienx ser jiġi organizzat il-kors 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar' għar-residenti Żabbarin. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.

515.3.34 Il-Viċi Sindku ressqet talba li kienet irċeviet mingħand is-Sur Mario Salerno sabiex jiġi organizzat *talk* edukattiv għall-bdiewa dwar biedja organika u dwar l-użu ta' pestiċida. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi organizzat dan it-*talk* edukattiv fis-sala tal-Kunsill. Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku kif ukoll lis-Sur Mark Grech sabiex jorganizzaw din l-attività.

515.3.35 Is-Sindku rrefera għal-linji gwida ta' ismijiet ta' toroq u qal illi fejn triq iddur f'kisra ta' madwar 90° għandu jiġi kkunsidrat li jingħata isem differenti iżda fejn triq tiġi żviluppata u tiġi mtawla għandha żżomm l-istess isem.

515.3.36 Is-Sindku talab sabiex fil-laqgħa li jmiss tiġi diskussa l-possibilità li jingħata isem għal triq ġdida bejn Triq Alessio Erardi u Triq ix-Xgħajra. Is-Sur Mark Grech talab sabiex din it-triq tissemma Triq Anġlu Psaila.

515.3.37 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex jingħata isem ġdid għal parti minn Triq Agatha Barbara kif ukoll għal parti minn Triq Caligari. Is-Sindku qal illi f'każ li jkun hemm għalqa tifred iż-żewġ toroq, it-triq għandha żżomm l-istess isem. Is-Sindku żied jgħid li din il-problema tiġi solvuta malli t-triq tiġi żviluppata. Is-Sur Joseph Vella qal illi mhux l-ewwel darba li ambulanza tmur fil-post il-ħażin minħabba li għalissa hemm żewġ toroq bl-istess isem. Is-Sur Mark Grech qal illi din il-problema tissolva jekk id-*door numbering unit* jinnumeraw il-bibien.

515.3.38 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellu mal-Onorevoli Joe Mizzi ġiet diskussa il-ħtieġa li jiġu protetti r-riżorsi naturali u kulturali tal-Mediterran u

jitnaqqas il-konsum tal-ilma u tal-enerġija kif ukoll il-produzzjoni tal-iskart. Is-Sindku qal illi s-settur tat-turiżmu huwa parti importanti mit-tkabbir tal-ekonomija u n-negozji jistgħu jiġġeneraw esternalitajiet negattivi li jheddu l-ekosistemi b'impatt fis-servizzi tat-turiżmu. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ġie mitlub jipparteċipa f'inizjattiva li tgħin lill-operaturi ekonomiċi nteressati biex jingħataw appoġġ għall-implimentazzjoni ta' miżuri identifikati billi jadottaw ir-rekwiżiti tat-Tikketta KONSUMA permezz tal-verifiki tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma. Is-Sindku qal ukoll illi kien hemm diversi operati ekonomiċi li jistgħu jkunu nteressati fosthom iż-żewġ każini tal-baned, il-mużew tas-santwarju, il-klabb tal-boċċi, il-klabb tal-futbol, l-għaqda tal-iscouts, klabb tal-ħamiem, klabb tal-Irish, akkomodazzjoni B&B u diversi stabbilimenti tal-ikel.

515.3.39 Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-Kunsill joħroġ sejħa t'interess u jinforma lill-operaturi ekonomiċi b'din l-inizjattiva. Is-Sindku qal illi ma kienx hemm biżżejjed żmien biex toħroġ sejħa t'interess.

515.3.40 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed isir studju sabiex jiġi stabbilit kemm kienet qed tintuża t-*telephone box* li qiegħda fil-ex venda fi Triq is-Santwarju. Dan sabiex it-*telephone box* tinbidel f'librerija u l-Kunsill jipprova jippromwovi l-qari billi persuna titfa' ktieb fiha u tieħu wieħed lura biex b'hekk ikun hemm skambju ta' kotba.

515.3.41 Is-Sur Mark Grech talab sabiex ikun hemm *book box* oħra fi Ġnien il-Kunsill.

515.3.42 Il-Viċi Sindku talbet sabiex jitpoġġew pjanti bil-fjuri sabiex isebbħu t-*telephone box* f'każ li din tinbidel f'librerija.

515.3.43 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jitwaħħlu l-bankijiet fil-viċinanzi tat-*telephone box* sabiex jintużaw għal min ikun irid jaqra xi ktieb.

515.3.44 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jitnaqqas l-ammont ta' *chlorine* li kien qed jintefa' fl-ilma tal-funtana li hemm fi Ġnien il-Kunsill.

515.3.45 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-makkinarju tal-*gym* kien ser jitwaħħal fis-*soft areas* li hemm fi Ġnien il-Kunsill.

515.3.46 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa meta kien ser jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankini. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol kien mistenni jibda wara l-ġranet tal-festa.

515.3.47 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi s-*central strip* li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatrici kienet ġiet miżbugħa bil-kulur aħmar iżda l-kurduna kienet tħalliet imkissra. Is-Sindku qal illi l-ħaddiema tal-*Foundation for Tourism Zone Development* kienu għadhom ma għamlux xogħol ta' żebgħa f'din is-*central strip*.

**515.4 Abbozz Estimi Annwali**

515.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2019. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**515.5 Abbozz Pjan ta' Ħidma 2019-2023**

515.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill l-abbozz ta' Pjan ta' Ħidma għas-snin 2019 - 2023. Dan l-abbozz ta' Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna.

**515.6 Laqgħa tal-Lokalità**

515.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sa mhux iktar tard minn tliet xhur mill-bidu tal-operat tal-leġislatura trid tissejjaħ laqgħa pubblika fejn fiha jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill.

515.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa pubblika ssir nhar il-Ħamis 19 ta' Settembru 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**515.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

515.7.1Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-13 t'Awwissu 2019 u t-2 ta' Settembru 2019 li kienet tammonta għal €32,849.57.

515.7.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar t'Awwissu 2019 li kien jammonta għal €58.43.

**515.8 Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 4/2019)

515.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-proċess t'evalwazzjoni tal-offerta għas-servizz ta' tindif u żamma tas *soft areas* u *roundabouts* (ZLC 4/2019) kien għadu ma tlestiex.

- Ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019)

515.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-proċess t'evalwazzjoni tal-offerta tal-ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019) kien għadu ma tlestiex.

- Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 7/2019)

515.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l- proċess t'evalwazzjoni tal-offerta għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 7/2019) kien għadu ma tlestiex.

**515.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

515.9.1 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir it-tindif tal-*culverts* qabel ma tagħmel l-ewwel maltempata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu qed jinġabru l-istimi sabiex isir dan ix-xogħol ta' tindif.

515.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi s-Sotto Kumitat tal-Anzjani kien innomina lis-Sinjura Catherine Ordway għal Premju Anzjanità Attiva.

515.9.3 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fis-17 t'Ottubru 2019 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

515.9.4 Is-Sur Joseph Buttigieg irrefera għall-attività tal-anzjani li ser tiġi organizzata nhar l-Erbgħa 11 ta' Settembru 2019 wara l-quddiesa tan-novena u qal li l-ispiża għal din l-attività ser tkun tammonta għal €120.

515.9.5Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li s-Sur Charles Casha kien offra sett ta' kotba għal-librerija lokali u talab sabiex tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Casha.

515.9.6 Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet talbet sabiex isir *traffic management* fi Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq Santa Duminka u l-madwar.

515.9.7 Is-Sur Joseph Agius ilmenta illi kienet tqiegħdet umbrella kbira fuq il-bankina minn operatur ta' negozju fi Triq is-Santwarju, li minħabba fiha, kienu waqgħu xi nies.

515.9.8 Is-Sur Joseph Agius qal illi fil-passat kien twaħħal dawl fil-bankina quddiem ħanut fi Triq is-Santwarju u żied jgħid illi dan id-dawl ma kienx livellat mal-wiċċ tal-bankina u kien qed joħloq periklu għall-*pedestrians.*

515.9.9 Is-Sur Joseph Agius qal illi xi operaturi ta' negozji fi Triq is-Santwarju kienu qed joħorġu l-iskart minn filgħaxija.

515.9.10 Is-Sindku qal illi l-każini tal-baned kienu ġew mitluba sabiex jisseparaw l-iskart.

515.9.11 Il-Viċi Sindku talbet sabiex matul il-ġranet tal-festa jżdied in-numru ta' *litter bins* fit-toroq.

515.9.12 Il-Kaptan Patrick Barbara semma l-ħtieġa li jiżdiedu iktar *litter bins* fi Triq tal-Labour u talab sabiex il-kuntrattur responsabbli mit-tindif tal-festa ibattal il-*bins* ta' spiss.

515.9.13 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex matul il-ġranet tal-festa jitpoġġew aktar *litter bins* fi Ġnien il-Kunsill.

515.9.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ser jinkrew *mobile toilets* u ser jitpoġġew f'postijiet differenti f'Ħaż-Żabbar.

515.9.15 Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi operatur ta' negozju fi Triq tal-Labour kien qed joħroġ numru ta' kaxxi kbar tal-kartun fuq il-bankina u fuq iċ-ċint li hemm maġenbu u żied jgħid illi dawn il-kaxxi kienu qed jispiċċaw fl-għalqa li hemm biswit il-ħanut. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien ressaq rapport lill-pulizija u sid il-ħanut kien ġie mitlub sabiex inaddaf l-għalqa.

515.9.16 Is-Sur Mark Grech semma l-ħtieġa li l-Kunsill ikellem lil sid il-ħanut u jitolbu sabiex ma jibqax jagħmel kaxxi għoljin u minflok jagħmilhom iktar kompatti. Is-Sur Grech issuġġerixxa li ssir xi tip ta' kaxxa pulita tal-ħadid sabiex il-kartun jitpoġġa fiha.

515.9.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-operatur tan-negozju kien talab sabiex ipoġġi skip fuq il-bankina maġenb il-ħanut. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fil-passat diġa kien hemm *skips* fi Triq tal-Labour u żied jgħid li l-Kunsill elima dawn l-*iskips* sabiex inaqqas l-abbuż.

515.9.18 Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi ma kienx jaqbel li jitpoġġa *skip* fuq il-bankina minħabba li jista' jkun hemm xi wħud li jarmu l-boroż tal-iskart maġenb l-*iskip*. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob laqgħa mal-operatur tan-negozju sabiex tiġi diskussa l-problema tal-immaniġjar tal-iskart.

515.9.19 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas irreferiet għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Alfred Palma fejn talab lill-Kunsill sabiex jixtri kopja tar-rumanz ġdid, bl-isem *Ossessjoni* għal-librerija tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri żewġ kopji.

515.9.20 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li waqt laqgħa li kellha mal-għaqda mhux governattiva *Greenhouse Malta* ġiet diskussa l-possibilità li jiġu organizzati avvenimenti bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill bl-għan li tqajjem iktar interess dwar il-friefet il-lejl. Is-Sinjorina Bongailas spjegat li l-avveniment huwa maħsub biex ikun kemm edukattiv kif ukoll opportunità biex wieħed josserva l-friefet il-lejl. Fuq proposta tas-Sinjorina Bongailas li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza *bat walk* flimkien mal-Greenhouse Malta matul ix-xahar t'Ottubru u tkun abbinata mal-attività ta' *Halloween*. Is-Sinjorina Bongailas talbet

sabiex il-Kunsill jagħti pubbliċità għal din l-attività fuq il-mezzi soċjali tal-Kunsill kif ukoll sabiex jorganizza *talks* edukattivi fis-sala tal-Kunsill dwar il-friefet il-lejl.

515.9.21 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas infurmat lill-Kunsill illi kienet ser torganizza educational puppet show flimkien mal-Viċi Sindku kif ukoll mal-Kunsilliera, is-Sinjuri Mark Grech u s-Sur Joseph Vella.

515.9.22 Il-Viċi Sindku tkellmet dwar is-siġar li kienu ser jitħawwlu minn *Infrastructure Malta* u qalet li mhux kull tip ta' siġra hija addattata għal kullimkien. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li t-tip ta' siġar għandhom jitħawwlu bi ħsieb biex tiġi evitata ħsara lir-residenzi tal-madwar kif ukoll jiġi evitat ukoll li jinħoloq stress fuq s-siġar sforz kundizzjonijiet mhux adekwati. Is-Sindku qal illi is-siġar li ser jitħawwlu ġew magħżula minn *Infrastructure Malta* fuq parir tal-esperti tagħhom.

515.9.23 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar meta ser terġa' teħel ic-*CCTV* camera fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

515.9.24 Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill illi kienet ser tiġi organizzata ħarġa għall-persuni b'diżabilità u talab sabiex il-Kunsill jipprovdi t-trasport. Is-Sur Agius talab sabiex għal din l-attività jiġu mistiedna jattendu l-ħaddiema klerikali tal-Kunsill u li huma mpjegati taħt l-iskema ta' impjieg inklussiv fil-komunità.

515.9.25 Il-Viċi Sindku talbet sabiex jiġi rranġat u msebbaħ bil-pjanti u bil-fjuri t-taraġ li jagħti mill-ex venda fi Triq is-Santwarju għal Triq iċ-Ċawsli. Is-Sindku qal illi x-xogħol ta' manutenzjoni u tiżbieħ ta' dan it-taraġ kien ser jiġi nkluż mal-proġett ta' tiżbieħ tal-ex venda

## 515.10 Mozzjonijiet

515.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 515.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

515.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 23 ta' Settembru, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

515.11.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-516 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 23 ta’ Settembru, 2019.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku